MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 144/2012

**Appell Nru: 144/2012**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Agius]**
**Vs**
**Christopher Gauci**

**Illum 24 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Christopher Gauci, [detentur tal-karta tal-identita` numru 19776 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Billi fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie akkuzat bhala direttur tal-Kumpanija Priceclub Operators Limited (C22704) ghas-snin 2000, 2001 u 2002 b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skond id-dispozizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settelement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi

artikolu 23 naqas milli jhares id-dispozizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Marzu, 2012 fejn il-Qorti, filwaqt li cahdet l-evvezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ malta u 23(1)(2) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkunanndah multa ta’ Elf Euro (€1000) ; peress li l-pimputat m’ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta Priceclub Operators Limited, il-Qorti ma imponietx multa addizzjonali.
Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b’zieda ma’ kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija ; u hemm misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull dispozizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.
Rat ir-rikors tal-appellant Christopher Gauci pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar il-21 ta’ Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar tirrevoka u tannulla is-sentenza appellata u konsegwentament tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija. Fin-nuqqas, u cioe f’ kaz li dan l-appell ma jintlaqax, il-Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appelalta fil-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja l-kaz in ezami.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Ili l-aggravji tal-appellant u jikkonsistu fis-segwenti:
1. L-ewwel Aggravju :
1.1 L-appellanti jsostni illi l-akkuza dedotta kontra tieghu hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

1.2 Dana billi ghaddew aktar minn sentejn mid-data illi fiha l-appellanti seta` legalment jirraprezenta lill-kumpanija Pricclub Operators Limited ;

1.3 Kif inhgad hawn fuq, il-kredituri tal-Kumpanija Priceclub Operators Limited ipprezentaw rikors nhar l-1 ta' Novembru, 2001 quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex dik il-kumpanija titqieghd fi stralc. Kopja ta' din is-sentenza giet ezebita quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Nahr it-12 ta' Lulju, 2002, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili – fost affarjiet ohra – ordnat l-istralc ta' l-imsemmija kumpanija b'effett min-nhar l-1 ta' Novembru, 2001 u hatret lill-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona bhala stralcjarju ;

1.4 B'hekk l-esponenti ma setax aktar legalment jirraprezenta lill-kumpanija Priceclub Operators Limited billi kif jghid l-artikolu 295 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' malta 'mal-hatra ta' stralcjarju, is-setghat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu, sakemm mhxu provdut xort' ohra f' dan it-titolu' ;

1.5 Ghalhekk minn dak inhar illi nhatar l-istralcjarju, l-appellanti ma setax legalment jirraprezenta l-imsemmija kumpanija u ladarba qabel ma bdew il-proceduri odjerni, ghaddw hafna aktar minn sentejn, l-akkuza kontra l-appellanti hija ampjament preskritta ;

1.6 L-appellant huwa konxju illi fis-sentenzi moghtija minn din l-Onorabbli Qroti u citati mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha gew applikati d-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 23(12) tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' malta li jghid illi 'z-zmien ta' preskrizzjoni imsemmi qabel m'ghandu f'ebda kaz jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull regola li ssir bis-sahha taghhom' Pero bir-rigward kollu dovut, dak l-artikolu bl-ebda mod ma japplika ghaz-zmien ta' preskrizzjoni imsemmi fl-artikolu 688(e) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' malta applikabbli ghall-akkuza in dizamina. Dan l-artikolu jirreferi ghaz-'zmien ta' preskrizzjoni msemmi qabel ' jigifieri zmien imsemmi fl-istess artikolu u senjatament ghaz-zmien imsemmi fil-paragragrafu ta' qabel ghaz-zamma ta' records. Ghalhekk l-appellanti jsostni illi dan l-artikolu ma japplikax meta tigi ecceptia l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali.

1.7 Apparti dan il-fatt, l-appellanti jtenni illi b'effett minnhar l-1 ta' Novbembru, 2001, huwa lanqas biss seta` jirraprezenta l-kumpanija Priceclub Operators Limited u ghalhekk ma jistax iku illi l-preskrizzjoni ma tibdiex ghaddejja ;
1.8 Ghaldaqstant, l-appellanti jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa` l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali kif sollevata minnu ;
2. It-tieni aggravju
2.1 L-appellant jissottometti wkoll il-lakkuza kif dedotta fil-konfront tieghu ma tissussistix billi ghal kuntrarju irrizulta illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli mill-kumpanija Priceclub Operators Limited u inoltre irrizulta wkoll illi kifn fl-impossibilita illi jottempra ruhu mal-ligi ;
2.2 L-akkuza migjuba kontra l-appellanti tirreferi ghas-snin 2000, 2001 u 2002. Issa irrizulta ampjament illi l-appellanti certament ma kiexn il-persuna responsabbli jew il-persuna li setghet tirraprezenta lill-kumpanija Priceclub Operators Limited ghal parti mis-sena 2001 u ghas-sena 2002 kollha billi inhatar l-istralcjatarju bis-sahha tas-sentenza li tinsab ezebita fl-atti. Dan il-fatt jidher illi gie rikonoxxut anke mill-ewwel Onorabbli Qorti billi fis-sentenza taghha tghid illi l-aktar li jista` jghati l-kaz illi l-appellanti kellu responsabbilita kien sa nhar il-31 ta' Ottubru, 2001. L-appellanti ghaqlhekk jirrileva illi inkwantu l-akkuza tirreferi ghas-snin 2000, 2001 u 2002, l-akkuza kif dedotta ma gietx ppruvata sal grad rikjest mil-ligi u huwa kellu jigi liberat. Dana qieghed jinghad billi hawnhekk qieghdin fil-kamp penali u akkuza ghandha tigi ppruvata lil hemm minn kull dubju ragjonevoli. Kontra l-appellanti inharget akkuza wahda li tkopri (3) snin differenti (2000, 2001 u 2002) u gie ippruvat li l-appellanti ma kienx responsabbli ghal dawn is-snin kollha. Ghalhekk huwa kellu jigi liberat ;
2.3 Minghajr pregudizzju ghall-premess, id-difiza ta' l-impossibilita sollevata mill-appellanti kellha tigi milqugha. Kif spjegat hawn fuq, fil-kaz odjern, l-appellanti kellha tigi milqugha. Kif spjegat hawn fuq, fil-kaz odjern, l-appellanti ma rrezenjax mill-kariga ta' direttur minn jeddu izda gie ezatorat meta b' ordni ossia sentenza tal-Qorti gie mahtur stralcjarju. Apparti minn hekk, qabel dan il-perjodu, kien giea inhatar il-kumitat tal-Kredituri li kien inkariga lid-ditta

Pricewaterhouse Coopers biex jiehdu hsieb il-finanzi ta' din il-kumpanija Priceclub Operators Limited. Apparti minn dan, irrizulta u huwa ben maghruf illi ttihedu bosta proceduri legali kontra l-kumpanija Priceclub Operators Limited b'mod illi dina ma setghetx topera aktar. Is-sentenzi citati mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-appellant jitkelmu dwar din id-difiza ta' impossibilita` u jghidu illi din id-difiza hija ammessa – inter alia – jekk jirrizulta li direttur tnehha mill-kariga kontra l-volonta' teighu u b'hekk ma setax jottempra ruhu mal-ligi u li tali impossibilita` trid tirrizulta sal-grad ta' probbabilita`. L-appellanti umilment jirrileva illi huwa rnexxielu jipprova l-impossibilita almendu sal-grad ta' probabilita` u ghalhekk ukoll kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija ;

3. It-tielet aggravju

3.1 Minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq esposti, anke f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell taqbel ma' l-ewwel Onorabbli Qorti dwar is-sejbien ta' htija ta' l-appellanti, hemm lok illi jkun hemm mitigazzjoni tal-piena erogata billi dik il-piena hija qrib hafna l-piena massima illi setghet tinghata meta jekk – ghal grazzja ta' l-argument biss – kellu jinghad illi l-appellanti verament kien hati huwa ma kienx hati ghall-perjodi kollha indikati fl-akkuza dedotta kontra tieghu. Ghalhekk zgur illi dejjem u f'kull kaz hemm lok ghal mitigazzjoni tal-peina erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ;

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Christopher Gauci kien Direttur tas-socjeta Price Club Operators Ltd. u dina naqset milli tottempra ruhha mar-rekwiziti tal-Kapitlu 372 u cioe' li tibghat il-formoli tat-Taxxa ghas-snin 2000, 2001 u 2002. In-negozju ta'din is-socjeta ma marx sew u tpoggiet fi stat ta' stralg b'ordni tal-Qorti b'effett mill-1 ta' Novembru, 2001. Fit-12 ta' Lulju, 2002 l-avukat Andrew Borg Cardona gie mahtur likwidatur tas-socjeta u minn dik id-data gie responsabli ghall-operat taghha u d-Diretturi originali gew eskluzi kompletament. F'Sentenza moghtija fid-9 ta' Marzu, 2012 (fol 12) il-Qorti sabet lill-appellant hati talli ma ottemprax ruhu mar-rekwizita tal-Kap. 372

ghalmenu sa’ l-2001 u kkundannatu ghal elf Euro (€1,000). L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u nterpona appell, l-ewwel ecepixxa l-preskrizzjoni favur tieghu ai termini ta’ l-Artiklu 688 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u t-tieni fi kwalunkwe kaz kien fl-impossibilta illi jottempra ruhu mal-Ligi.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti diga kellha okkazjoni li tippronuncja ruhha fuq kwistjonijiet bhal dawn f’diversi Sentenzi wahda minnhom Il-Pulizija kontra Joseph Mary Debono tad-9 ta’ Dicembru, 2011. F’din il-kawza kien hemm zewg kwistjonijiet partikulari x’jigu ventilati minn din il-Qorti l-ewwel wahda hija jekk ir-reati kontemplati taht il-Kap. 372 humiex reati instantanju jew permanenti u t-tieni sa fejn Direttur li ma jkunx fil-kariga jibqa responsabli ghall-obligazzjonijiet assunti minnu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Rigward l-ewwel kwistjoni l-Qorti qalet, “*Il-Qorti tirrileva pero’ illi ghal dan il-kaz partikulari stante li si tratta l-ex specjalis ghandhom japplikaw it-termini ta’ l-istess Ligi u l-proviso ta’ l-Artiklu 23 (12) tal-Kap. 372. dan jitkellem car u jispecifika illi z-zmien tal-preskrizzjoni ghandu jibqa ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet ta’ l-istess Artikli. Quindi Direttur fil-kariga jibqa responsabli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibghat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissaruj u r-reat kontemplat fil-Kap. 372 ghandu jitqies bhala natura permanenti u jibqa hekk sakemm id-direttur jew il-persuna koncernata tottempra ruhha mal-Ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni*”. F’dan ix-xenarju l-preskrizzjoni ma tibdiex tiddekorri, ghalhekk jekk direttur jirrezenja fi zmien partikulari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-Ligi u fil-konfront tieghu, l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta’ l-Artiklu 23 (13) tal-Kap. 372 jibqa jissustissi fil-konfront tieghu.

Din il-kwistjoni hi daqsxejn differenti peress illi l-appellant gie mnehhi minn direttur u d-difiza qeghda tecepixxi l-impossibilta illi jottempra ruhu mal-Ligi.

Ikkunsidrat.

Filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiza ta' mpossibilta hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhala regola generali din id-difiza tista tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibilta fizika illi jottempra ruhu mal-Ligi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' "self inflected impossibility" din id-difiza ma tistax treggi. F'din il-kawza rrizulta illi l-kumpanija marret fil-likwidazzjoni fl-1 ta' Novembru, 2001 fuq ordni tal-Qorti u l-avukat Andrew Borg Cardona gie mahtur Strarcarju fit-12 ta' Lulju, 2002. Quindi zgur minn din l-ahhar data l-appellant kien imnehhi kompletament mill-awtorita tieghu bhala direttur u ma setax aktar jaghmel atti li jorbtu jew ihollu s-socjeta. Konsegwentement mit-12 ta' Lulju, 2002 l-appellant kien fl-impossibilta illi jaqdi d-doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ghalhekk la l-appellant irnexxielu jqajjem b'success id-difiza ta' mpossibilta l-preskrizzjoni ghas-snin sussigwenti tibda tghaddi favur tieghu, f'dan il-kaz zgur mit-12 ta' Lulju, 2002. F'dawn ic-cirkostanzi d-Dipartiment tat-Taxxi Interni kellu terminu ta' sentejn sabiex ifittex lill-appellant ghal dawk is-snin illu huwa naqas illi jottempra ruhu mal-Ligi (Artiklu 688 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), izda d-Dipartiment ma ghamel xejn u ddecieda ili johrog ic-citazzjoni odjerna fil-25 ta' Marzu, 2011 f'liema zmien it-terminu preskrittiv sabiex tigi istitwita din l-azzjoni altru illi kien skada.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa l-appell, tiddikjara l-azzjoni preskritta u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------